MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 139/2011/1

**Cobra Installations Limited (C-34330)**

**vs**

**Stephen Caruana**

Il-Qorti

**Rat** li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2012 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-istess ismijiet premesi

"Il-Qorti

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Cobra Installations Limited fis-27 ta' April 2011, permezz ta' liema titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' disat elef tlett mija u hamsin Euro u zewg centezmi (€9,350.02) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti hlas dovut ghas-servizz u materjal minnha pprovdut lill-konvenut, fuq

inkarigu tieghu stess, bl-imghax legali mid-data tal-fattura u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-7 ta' Settembru 2010 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur, kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta ta' Stephen Caruana pprezentata fil-11 ta' Lulju 2011, permezz ta' liema jopponi ghat-talba attrici u jitlob li l-istess tigi michuda ghaliex: (i) preliminarjament din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna stante li skond il-kundizzjonijiet ta' l-appalt pattwiti bejn il-kontendenti, l-istess kontendenti ftehmu volontarjament li kwalunkwe tilwima bejniethom naxxenti mill-istess appalt ghandha tigi rizolta permezz ta' procedura ta' arbitiragg skond ir-Regoli tac-Centru Malti ta' Arbitragg, u ghaldaqstant ai termini ta' dak provdut fil-Artikolu 724(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha twaqqaf il-procedimenti odjerni, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici; u (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma eccessivi;

Rat illi in vista ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut il-partijiet kontendenti ressqu provi dwarha ghall-fini li tigi trattata u determinata l-ewwel tali eccezzjoni;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut u minn Kevin Loughborough, rapprezentant tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2011 u rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut u markati Dok. "SC1" sa' Dok. "SC3" u rat id-dokumenti esebiti minn Kevin Loughborough u markati Dok. "KL1" u Dok. "KL2";

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u rat is-sentenza fl-ismijiet "Malta Shipyards Limited v. VPJ Limited" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2009, esebita mill-konvenut bhala Dok. "SC1" permezz ta' Nota pprezentata fit-18 ta' Novembru 2011;

Ikkunsidrat:

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' €9,350.02, bilanc minn

somma akbar rapprezentanti hlas dovut ghas-servizz u materjal provdut minnha lill-konvenut, fuq inkarigu tieghu. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tisma' u tiddeciedi din il-kawza stante li l-kuntratt ta' appalt bejnu u s-socjetà attrici jipprovdi, fil-Klawsola 18, li kwalunkwe tilwima nascenti minn dak l-appalt ghandha tigi risolta permezz ta' arbitragg skond ir-Regoli tac-Centru Malti ta' l-Arbitragg, u ghaldaqstant ai termini tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti ghandha twaqqaf il-proceduri odjerni.

Is-socjetà attrici tirribatti ghal din l-eccezzjoni preliminari billi tikkontendi li: (i) bejnha u l-konvenut ma hemmx tilwima ghall-finijiet tal-klawsola arbitrali stipulata fil-kuntratt ta' appalt u ghalhekk l-istess hija inapplikabbli fil-kuntest ta' dawn il-proceduri; (ii) li l-klawsola arbitrali stipulata fil-kuntratt ta' appalt fi kwalunkwe kaz ma tistax tigi invokata mill-konvenut peress illi huwa ma segwiex il-procedura kontemplata fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, izda pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, inkluza eccezzjoni fil-mertu, f'dawn il-proceduri; u li fi kwalunkwe kaz ukoll (iii) il-kuntratt ta' appalt gie terminat u ghalhekk il-klawsola arbitrali ma ghadhiex torbot.

Mix-xhieda li ta Kevin Loughborough, rapprezentant tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2011, johrog car li s-socjetà attrici tikkontendi li ma hemmx tilwima bejnha u l-konvenut ghaliex tul l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet u qabel il-hrug tal-kont ghall-ammont ta' €8,896.61 f'Settembru 2010, il-konvenut qatt ma ilmenta mill-prezzijiet u ammonti mitluba ghax-xoghol esegwit. L-uniku nuqqas ta' qbil li kien hemm bejniethom kien dwar il-modalità tal-hlas u mhux dwar il-prezzijiet mitluba. Ghalkemm minn April lil hemm kien hemm tgergir fuq il-pagamenti li kont qed nitlob, jekk hux erbat elef (€4,000) jew elf (€1,000). Nghid illi fuq il-prezzijiet infushom illi kien iffirma ghalihom il-konvenut ma kienx hemm tgergir, tant hu hekk illi tul ix-xoghol dejjem zidilna aktar xoghol. Kien biss f'Settembru li imbaghad baghtli bil-miktub li kien qed jikkontesta l-prezzijiet.

Il-konvenut min-naha tieghu jikkontendi li bejnu u s-socjetà attrici kien hemm disgwid dwar l-ammonti mitluba mill-istess socjetà ghax-xoghol esegwit u li dan id-disgwid kien già beda f'Lulju 2010, ferm qabel il-hrug tal-kont ta' Settembru ghall-hlas tas-somma ta' €8,896.61: Jien kont dhalt f'kuntratt mas-socjetà attrici. Fuq dan il-kuntratt kont hallast 700 Euro bhala deposit u l-fethim kien ukoll illi wara certu ammont ta' xoghol naghti 70% tal-prezz rimanenti. Fis-7 ta' Lulju 2010, ircevejt e-mail minghand is-socjetà attrici b'talba ghall-hlas ta' erbat elef Euro (€4,000) li huma kienu qed jghidu li kienu 70% ta' l-ammont li kien fadal. … Jien m'ghandi l-ebda ilment dwar il-kwalità tax-xoghol li gie esegwit mis-socjetà attrici. L-ilment tieghi hu fis-sens li meta gejt mitlub inhallas dawk is-70% ma stajtx nikkalkula kemm kien 70% mix-xoghol esegwit. Qabel ma' fis-6 ta' Settembru 2010 kont ghamilt proposta ta' hlas ta' hamest elef Euro (€5,000), fl-1 ta' Settembru ta' dik l-istess sena ircevejt kont minghand is-socjetà attrici ghall-hlas ta' disat elef Euro (€9,000) u allura ghalija id-disputa li già kellna bejnietna kompliet tikber.

Ai termini tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 15 tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jittratta dwar il-procedura f'arbitragg domestiku, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att tilwima tinkludi kull kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam mieghu[1], jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tharis tal-ftehim. Hija proprio fuq din it-tifsira ta' "tilwima" li hija bbazata il-Klawsola 18 tal-kuntratt ta' appalt konkluz bejn il-partijiet kontendenti in kwantu din tipprovdi: any dispute, controversy or claim arising out of or relating to the contract for works, or breach, termination or invalidity thereof shall be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force.

Minn ezami ta' l-e-mails skambjati bejn is-socjetà attrici u l-konvenut u esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, johrog bl-iktar mod car li bejniethom tissussisti kontroversja u li tali

[1] Sottolinear tal-Qorti.

kontroversja tohrog mill-kuntratt ta' appalt, u dana indipendentement mill-fatt jekk id-disgwid bejniethom kienx già jissussisti f'Lulju 2010 kif pretiz mill-konvenut jew inkella skattax biss f'Settembru 2010 kif pretiz mis-socjetà attrici. Il-konvenut qed jikkontesta l-ammonti mitluba mis-socjetà attrici ghaliex iqishom ferm eccessivi a paragun ta' l-istima moghtija filwaqt li s-socjetà attrici tiddefendi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenut bl-affermazzjoni li l-kalkoli taghha huma bbazati fuq il-prezzijiet stipulati fil-kuntratt ta' appalt konkluz mieghu.

Il-fatt li l-konvenut ex admissis jiddikjara li ma ghandux ilmenti dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit mis-socjetà attrici, ma jfissirx li kwalunkwe oggezzjoni ohra li jista' ghandu fir-rigward tal-pretensjonijiet tas-socjetà attrici fil-konfront tieghu ma tikkostitwixxix a dispute, controversy or claim arising out of or relating to the contract for works ai termini tal-Klawsola 18 tal-kuntratt ta' appalt u kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk imbaghad il-konvenut ghandux ragun o meno fil-kontroversja tieghu hija kwistjoni ohra li tkun tista' tigi risolta biss meta l-kaz in ezami jigi trattat fil-mertu.

Is-socjetà attrici tikkontendi wkoll li una volta hija tterminat l-appalt mal-konvenut permezz ta' l-ittra datata 17 ta' Settembru 2010[2], il-Klawsola 18 tilfet l-effikacja taghha u ma ghadhiex torbot lill-partijiet kontraenti. Il-konvenut jikkontesta din il-pretensjoni tas-socjetà attrici in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 32(2) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi illi t-Tribunal ta' l-arbitragg ikollu s-setgha jiddeciedi dwar l-ezistenza jew il-validità tal-kuntratt li klawsola ta' arbitragg tkun tinsab fih. Ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 32, klawsola ta' arbitragg li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi ghal arbitragg skond din il-Parti ghandha titqies <u>bhala ftehim indipendenti mill-patti l-ohra tal-kuntratt</u>[3]. Decizjoni mit-tribunal ta' l-arbitragg li l-kuntratt ikun null u bla effett ma ghandhiex tkun tfisser ipso jure li l-klawsola ta' arbitragg tkun invalida wkoll.

---

[2] Dok. "KL2"ipprezentat mix-xhud Kevin Loughborough.
[3] Sottolinear tal-Qorti.

Minn din id-disposizzjoni tal-Ligi johrog ferm car li l-Legislatur ried illi klawsola arbitrali f'kuntratt konkluz bejn tnejn u iktar min-nies ikollha ezistenza indipendenti w autonoma mill-kumplament tad-disposizzjonijiet ta' dak l-istess kuntratt, u dana kjarament ghas-salvagwardja ta' tali stipulazzjoni partikolari. Ghalkemm l-Artikolu 32 tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar  is-sitwazzjoni fejn it-tribunal ta' l-arbitragg ikun qed jittratta eccezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni tieghu, il-Qorti ma issib ebda raguni ghalfejn tali kuncett ta' indipendenza w autonomia tal-klawsola arbitrali ma ghandux jigi applikat ukoll minn qorti ta' kompetenza civili meta din tkun qed tikkonsidra kwistjoni dwar il-gurisdizzjoni taghha proprio minhabba l-ezistenza ta' klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti. Dan kollu jwassal ghall-konkluzzjoni li anke jekk il-kuntratt ta' appalt konkluz bejn il-partijiet kontendenti seta' gie terminat mis-socjetà attrici, b'daqshekk ma jfissirx li l-klawsola arbitrali spiccat fix-xejn u ma ghadhiex torbot lill-partijiet kontraenti.

In opposizzjoni ghall-eccezzjoni preliminari tal-konvenut is-socjetà attrici tikkontendi wkoll li tali eccezzjoni ma ghandhiex tigi milqugha ghaliex kif jirrizulta mill-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talba ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' klawsola arbitrali ma tistax titressaq per via d'eccezione izda, ghandha titressaq permezz ta' Rikors qabel ma jitressqu xi eccezzjonijiet ghat-talba attrici.

Il-konvenut da parte tieghu jikkontendi li t-talba ghall-waqfien ta' dawn il-proceduri ghandha – indipendentement mill-mod kif giet avvanzata quddiem din il-Qorti – tigi milqugha in vista ta' dak provdut fl-Artikolu 742(3) [u mhux 724(3) kif erronejament indikat fir-Risposta tal-konvenut] tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li l-gurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet, sew jekk il-procedimenti ta' arbitragg ikunu nbdew jew le, f'liema kaz il-qorti, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg, <u>ghandha twaqqaf il-procedimenti minghajr pregudizzju ghad-</u>

disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u ghat-setgha li ghandha l-qorti li taghti kull ordni jew direttiva[4].

Ghalkemm l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk ikun hemm ftehim ta' arbitragg/klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti l-qorti ta' kompetenza civili ghandha twaqqaf il-procedimenti istitwiti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li fl-applikazzjoni ta' dan il-provvediment tal-Ligi ma tistax tinjora dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-procedura li ghandha tigi segwita minn dik il-parti fi proceduri civili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proceduri minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg. Tant id-disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz ghalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistghux jigu injorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li f'dak l-istess artikolu tal-Ligi hemm dispost li l-Qorti ghandha tagixxi bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tirregola l-arbitragg.

L-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fil-fethim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew l-imhallef taghha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu il-procedimenti[5]. Rikors jista' jsir minkejja l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet.

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li t-talba ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem qorti ta'

[4] Sottolinear tal-Qorti.
[5] Sottolinear tal-Qorti.

kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti, ghandha ssir lill-Qorti permezz ta' Rikors qabel ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti. Tant il-Legislatur ried li l-parti li titlob il-waqfien tal-proceduri civili tressaq it-talba taghha quddiem il-Qorti qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew b'mod iehor tmexxi fil-procedimenti, li s-subartikolu 8 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta – introdott bis-sahha ta' l-Att XXXI ta' l-2002 – jipprovdi li mal-prezentata ta' rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond is-subartikolu (3), kull limitu ta' zmien ghall-prezentata ta' kull risposta ta' l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mill-ligi jew minn ordni ta' xi qorti jew tribunal, jew xort'ohra, ghandu jigi interott u ghandu jerga' jibda jsehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni[6].

Fil-kaz in ezami l-konvenut kjarament ma segwiex il-procedura stabbilita fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta izda, kuntrarjament ghal dak dispost fl-imsemmi artikolu tal-Ligi, una volta notifikat bir-Rikors promotur fis-7 ta' Mejju 2011, ipproceda billi ressaq l-eccezzjonijiet tieghu – inkluza eccezzjoni fil-mertu – ghat-talbiet attrici b'Risposta pprezentata fl-1 ta' Lulju 2011. It-talba ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnu u is-socjetà attrici – ossia l-Klawola 18 tal-kuntratt ta' appalt – ma gietx imressqa mill-konvenut permezz ta' Rikors izda fil-forma ta' eccezzjoni preliminari fir-Risposta tieghu.

Fid-dawl ta' dak kjarament dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta' Malta, u ulterjorment ikkonfermat fis-subartikolu (8) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tal-konvenut ghall-waqfien tal-proceduri odjerni minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejnu u s-socjetà attrici, kif minnu promossa hija proceduralment inammissibbli u ghaldaqstant ma tistax tigi milqugha.

[6] Sottolinear tal-Qorti.

Din il-konkluzzjoni tal-Qorti ssib konferma fil-principju enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet Josephine Bonello pro et noe v. John Bonello, Citaz. Nru. 2657/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003: trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens (Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421). Din mhiex kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilità o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha illi "waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas però jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat" (Vol. XXXII pI p712, "Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et" Apell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973). Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l-ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li il-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi. (Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" Appell, 6 ta' Ottubru 2000).

Ghalkemm fil-kaz in ezami si tratta ta' disposizzjoni procedurali nascenti mill-Ligi specjali li tirregola l-Arbitragg u mhux mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn il-principju guridiku appena citat ma ghandux japplika wkoll ghall-kaz in ezami. In effetti proprio ghaliex si tratta ta' norma procedurali specjali huwa imperattiv li l-istess tigi applikata u interpretata alla lettera u mhux per equipollens.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghall-eccezzjoni preliminari u ghal din is-sentenza jibqghu a karigu tal-konvenut.

**Rat** li l-konvenut Stephen Caruana hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza parzjali u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-Appell tal-imsemmi konvenut appellant Stephen Caruana fejn gie sottomess:-

Illi bl-avviż odjern, is-soċjeta' attriċi appellata Cobra Installations Limited (C-34330) talbet lill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) tikkundanna lill-esponent appellanti iħallasha s-somma ta' disat elef, tlett mija u ħamsin Euro u żewġ ċentezmi (€9,350.02), bilanċ minn somma akbar, allegatament rappreżentanti ħlas dovut għas-servizz u materjal minnha pprovdut lill-istess esponent appellanti, fuq l-inkarigu tiegħu stess, bl-imgħax leġali mid-data tal-fattura u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra leġali datata sebgħa (7) ta' Settembru, tas-sena elfejn u għaxra (2010) u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Promotur, kontra l-esponent appellanti.

Illi permezz tar-risposta tiegħu, l-esponent appellanti eċċepixxa:-

“Illi, preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex kompetenza tisma' u tiddeċidi l-kawża odjerna stante illi skond il-kundizzjonijiet ta' l-appalt pattwiti bejn il-kontendenti (kif konfermat sahansitra mit-terms and conditions tas-socjeta' rikorrenti stess, senjatament il-klawzola 18 ta' l-istess terms and conditions, u dana kif jirrizulta minn dokumenti rilaxxati mill-istess socjeta' rikorrenti), il-kontendenti ftehmu volontarjament illi kwalunkwe tilwima bejniethom naxxenti mill-istess appalt għandha tiġi rizolta permezz ta' proċeduri ta' arbitraġġ skond ir-regoli tac-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti, a tenur tas-subartikolu (3) ta' l-artiklu 724 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) għandha twaqqaf il-proċedimenti odjerni, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma eċċessivi, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni, jekk ikun il-kaz, tar-rikors odjern;

Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mill-Liġi.", li fil-fatt ma sarux.

Illi waqt l-ewwel udjenza miżmuma nhar l-4 ta' Lulju, 2011 in vista tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-esponent appellanti, il-kawża ġiet differita għall-provi u trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni preliminari għas-7 ta' Novembru, 2011. Fl-udjenza miżmuma nhar is-7 ta' Novembru, 2011 il-partijiet ressqu l-provi kollha tagħhom fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-esponent appellanti, u wara li saret t-trattazzjoni orali, il-kawża ġiet differita għall-10 ta' Jannar, 2012 għas-sentenza in parte fuq l-istess eċċezzjoni preliminari.

Is-Sentenza Appellata

Illi bis-sentenza in parte mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Jannar, 2012, l-istess Onorabbli Qorti ddikjarat li, għar-raġunijiet hemm imfissra, kienet qiegħda: 'taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawża. L-ispejjeż relattivi għall-eċċezzjoni preliminari u għal din is-sentenza jibgħu a karigu tal-konvenut."

Illi l-esponent appellanti ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza in parte u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-umli appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u dan wara li ingħatalu l-permess speċjali mill-Ewwel Onorabbli Qorti a tenur tal-proviso tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2012.

L-Aggravji

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fil-fatt illi s-sentenza appellata, hija (1) bbażata fuq applikazzjoni skorretta tal-Liġi kif ukoll (2) fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, invokat mis-soċjeta' attriċi appellata, kif ser jirriżulta mis-sottomissjonijiet seġwenti.

Illi b'referenza għat-termini u kundizzjonijiet ta' l-appalt pattwiti bejn il-kontendenti, kif ġew effettivament kategorizzati taħt it-Terms and Conditions of Sale tas-soċjeta' attriċi appellata stess, u senjatament il-klawsola numru tmintax (18), il-kontendenti odjerni kienu volontarjament ftehmu dwar il-mod kif kwalunkwe tilwima jew kontroversja li setgħet tinqala' bejniethom waqt l-eżekuzzjoni tal-istess appalt kellha tigi riżolta bil-mezz tal-proċedura ta' arbitraġġ. Il-klawsola numru tmintax (18) tipprovdi testwalment li: 'Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to the contract for the works, or breach, termination or invalidity thereof shall be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force.' Dwar l-intenzjoni tal-kontendenti odjerni, ma kien hemm l-ebda dubju fuq il-metodu magħżul minnhom kif kwalunkwe tilwima kellha tiġi indirrizzata u riżolta u għaldaqstant il-klawzola arbitrali in kwistjoni timmerita applikazzjoni u dana b'rispett tal-prinċipju ben magħruf pacta sunt servanda. Fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' April, 2008 mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet Janice Cassar vs Simon Deguara et', dik l-Onorabbli Qorti osservat: Hawnhekk, non si tratta minn pretenzjoni ċivili li l-liġi trid li bil-fors tiġi deċiża minn organu li mhux il-Qorti.....iżda riflessjoni tal-prinċipju pacta sunt servanda fis-sens li la darba ż-żewġ partijiet jagħzlu tribunal għad-determinazzjoni tal-problemi li jista' jkollhom fil-futur, ebda parti' ma jista' unilaterlament iwarrab dak l-arranġament.' Illi kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza tagħha, ladarba l-klawsola arbitrali tirrifletti l-volonta' libera tal-partijiet, ċertament tali klawsola hija valida u għandha tiġi rispettata. (Tara jekk jogħġobha dina l-Onorabbli Qorti s-segwenti deċiżjonijiet: 'Edwin Vella vs Wilfred Mamo noe deċiza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummerċjali fit-13 ta' Ottubru, 1989 u Malta Shipyards Limited vs VPJ

Limited deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Mejju, 2009.')

Fis-sentenza fl-ismijiet Dr. Renato Cefai nomine vs Valletta Frieght Services Limited deciza mill-Onorabbli Prim' Awla Qorti Ċivili, fit-30 ta' Marzu, 2001 inghad illi 'klawsola arbitrali hija valida u dana in omagg għall-volonta' libera tal-partijiet. Klawsoli arbitrali fil-kuntratti kellhom jiġu rispettati u dan anke jekk il-Qrati Maltin ukoll kellhom ġurisdizzjoni konkorrenti. Il-liġi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tkun riżoluta b'arbitraġġ, fost elementi oħra, ikunu jirrizultaw formalment minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tkun evitata kwalunkwe inċertezza.'

Illi ta' min igħid, a skans ta' ekwivoku, illi s-soċjeta' appellanti m'hijiex tiċħad l-eżistenza tal-klawżola arbitrali in kwistjoni, pero', għal raġunijet oħra qegħda tgħid li dik il-klawżola ma tapplikax.

Illi fir-risposta tiegħu għat-talba tas-soċjeta' appellata, l-esponent appellanti, in sostenn tal-eċċezzjoni preliminari sollevata minnu ossija li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex il-kompetenza meħtiega biex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna, ikkontenda li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tapplika d-disposizzjonijiet tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), liema artikolu jipprovdi tassativament: '(3) Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, <u>għandha twaqqaf il-proċedimenti</u> mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.' (enfażi miżjuda mill-appellanti).

Illi minn qari tad-disposizzjoni surreferita huwa ċar illi f'każ biss ta' klawżola arbitrali, il-Qorti li quddiemha tinġieb l-istess tilwima <u>hija obbligata li twaqqaf il-proċediment li jkun inbeda quddiemha.</u>

Illi l-iskop prinċipali tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ġie eżaminat bir-reqqa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha, mogħtija nhar l-4 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe, fejn l-istess Onorabbli Qorti osservat illi: ' id-disposizzjoni 742(3) (naturalment b'referenza ghas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) ma kinitx intiza biex tinnewtralizza l-effikaċja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Ċivili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jiġu imħaddma u dana billi jkollhom il-poter li jagħmlu tajjeb u jagħtu direttivi fil-każ li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jiġu proċeduralment imħaddma fil-prattika.' Hawnhekk, joħrog ċar illi l-iskop tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien proprjament sabiex jipproteġi l-proċedura arbitrali u mhux li jdgħajjifha, billi jakkorda lill-Qrati tagħna rwol regolatorju biss. Il-professur George A. Bermann, arbitru internazzjonali tal-ogħla kalibru u d-direttur attwali ta' l-American Arbitration Association, igħid testwalment: 'all participants— parties, counsel, arbitrators, arbitral institutions have an interest in ensuring that arbitration delivers the various advantages associated with it, notably speed, economy, informality, technical expertise, and avoidance of national fora, while producing awards that withstand judicial challenge and otherwise enjoy legitimacy. National courts play a potentially important policing role in this regard. Most jurisdictions have committed their courts to do all that <u>is reasonably necessary to support the arbitral process</u>' (enfażi miżjuda)[7].

Huwa fix-xenarju <u>biss</u> fejn il-Qorti jkollha suspetti serji dwar l-effikaċja ta' klawsola arbitrali adottata mill-kontendenti, meta r-regola stabbilita taħt sub-artikolu (3)

[7] Tara jekk jogħġobha dina l-Onorabbli Qorti l-artikolu '*The Gateway Problem in International Commercial Arbitration'* ppublikat fil-ġurnal 'The Yale Journal of International Law' Volume 37 Issue 1 January 2012. – disponnibbli minn fuq is-sitt elettroniku www.yjil.org/print/volume-37-issue-1

tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) ma timmeritax li tiġi applikata. Fil-kawża fl-ismijiet Walter Bonello Noe vs P.L Ercole Valenzia Noe deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ nhar it-30 ta’ Gunju, 1948, intqal: ‘Dak il-patt (il-lodo arbitrali) ma hux kuntrarju għal-liġi, għax il-Qorti tibqa’ dejjem kompetenti biex tinvestiga l-validita’ u l-effikaċja ta’ l-arbitraġġ.....U la darba l-patt arbitrali huwa validu, u l-Qorti ma tara <u>ebda impossibilita’ fl-osservanza tiegħu ta’ l-attur, ebda raguni ma hemm biex l-attur ma joqgħodx għal dak il-patt.’</u>

Waqt it-trattazzjoni fuq l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-esponent appellanti, is-soċjeta’ attrici appellata kkontendiet li tali eċċezzjoni ma missiex tigi akkolta billi: (1) bejn l-istess socjeta’ attrici appellata u l-esponent appellanti ma hemmx tilwima għall-finijiet tal-kawsola arbitrali stipulata fil-kuntratt ta’ appalt u għalhekk l-istess klawsola għandha titqies bħala inapplikabbli fil-kuntest tal-proċeduri odjerni; (2) li l-kawsola arbitrali stipulata fil-kuntratt ta’ appalt fi kwalunkwe kaz ma tistax tiġi invokata mill-esponent appellant peress illi l-istess esponenti appellanti ma segwiex il-proċedura kontemplata taht is-sub-artikolu (3) tal-artikolu (15) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta, iżda għazel li jippreżenta risposta b’eċċezzjonijiet, inklużi eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu tal-kawża odjerna u (3) il-kuntratt ta’ appalt pattwit bejn il-kontendenti odjerni ġie terminat u allura f’kull każ il-klawsola arbitrali taħt skrutinju m’għadhiex tapplika.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza appellata mogħtija minnha ċaħdet kategorikament l-ewwel u t-tielet argumenti tas-soċjeta’ attriċi appellanti, iżda wara li eżaminat l-istess sub-artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), waslet għall-konkluzjoni li dan is-sub-artikolu ma kienx applikabbli fil-każ odjern, ladarba l-esponent appellanti ma segwiex il-proċedura stabbilita taħt is-sub-artikolu (3) tal-artikolu (15) tal-Att Dwar L-Arbitragg (Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta). Fil-fehma tal-Ewwel Onorabbli Qorti (u hawnhekk l-esponenti appellanti qieghed jikkwota direttament mis-sentenza appellata)

'Ghalkemm l-Artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk ikun hemm ftehim ta' arbitragg/klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti l-qorti ta' kompetenza civili ghandha twaqqaf il-procedimenti istitwiti quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li fl-applikazzjoni ta' dan il-provvedimenti tal-Ligi ma tistax tinjora dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-procedura li għandha tiġi segwita minn dik il-parti fi proċeduri ċivili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proċeduri minħabba l-eżistenza ta' ftehim ta' arbitraġġ.' Wara li eżaminat l-artikli rilevanti taħt il-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha u qalet testwalment: 'Minn dan il-provvediment tal-Ligi joħrog ċar li t-talba għall-waqfien ta' proċeduri istitwiti quddiem Qorti ta' kompetenza civili minħabba l-eżistenza ta' ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet kontendenti, ghandha ssir lill-Qorti permezz ta' Rikors qabel ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti'

Illi fl-umli fehma ta' l-esponent appellanti l-Ewwel Onorrabli Qorti hawnhekk applikat il-liġi b'mod skorrett, billi f'dan il-kuntest kellha tapplika sub-artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili u ċioe' kellha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti ġia istitwiti quddiemha. Addizzjonalment, fl-umli fehma tal-esponenti appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tas-subartikolu (3) tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, billi interpretat d-disposizzjonijiet ta' l-istess sub-artikolu daqs li kieku kellhom natura tassativa, meta l-istess disposizzjonijiet huma purament ta' natura fakultattiva, u mhux tassativa kif ikkonkludiet l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi s-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment: 'Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull

haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista'  f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-Qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-Qorti jew l-imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.'

Illi kif joħrog ċar mill-qari tad-disposizzjonijiet ta' dan is-sub-artikolu l-legislatur bl-ebda mod qiegħed jimponi fuq dik il-parti li tixtieq tinvoka l-klawsola arbitrali, proċedura li għanda tiġi osservata u segwita ad validatatem. Fl-istess nifs, wieħed ma jistax jiddeduċi illi f'każ li din il-proċedura, kif stipulata fl-istess sub-artikolu, ma tiġiex segwita, il-konsegwenza ta' dan in-nuqqas, tkun it-telf tad-dritt li tiġi invoka l-klawsola arbitrali li kienet ġiet miftiehma volontarjament bejn il-kontendenti izda li dik il-parti effettivament ikollha taghmel l-eċċezzjonijiet tagħha fil-kawża li tkun bdiet ladarba ma tkunx għamlet rikors taħt is-sub-artikolu (3) ta' l-artikolu 15 tal-Kaptiolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, biex twaqqaf it-terminu għall-preżentata ta' l-istess eċċezzjonijiet, altrimenti tiddekadi mid-dritt li tippreżenta dawk l-eċċezzjonijiet. It-test tas-sub-artikolu (3) tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta, jindika b'mod ċar u inekwivoku li din l-procedura hija fakultattiva u mhix obbligatorja, u li għandha taqa' fid-diskrezzjoni unika u sħiħa ta' dik il-parti li qegħda titlob it-twaqqif ta' proċedimenti istitwiti quddiem Qorti ta' kompetenza ċivili minħabba l-eżistenza ta' patt arbitrali bejn il-partijiet. Is-sub-artikolu in kwistjoni jipprovdi hekk: 'kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista' f'kull zmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet' u mhux 'kull parti f'dawk il-procedimenti legali għandha......'.  Anke l-verżjoni inġliza tal-istess sub-artikolu jindika kjarament illi din l-proċedura hija liberament disponibbli għal dik il-parti li tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-benefiċċju li toffri din il-proċedura. It-test inġliż jgħid testwalment: 'any party to such legal proceedings may at any time before delivering any pleadings or taking other steps in the proceedings,

apply to that court to stay the proceedings.’ L-użu tal-kelma ‘may’ għall-kuntrarju tal-kelma ‘shall’ jew tal-kelma ‘must’ jimplika li l-intimat ikollu xelta libera li jeżerċita d-drittijiet kompetenti lilu skond dan is-sub-artikolu kif jidhirlu xieraq u jekk eventwalment jasal biex jibbenefika minn din il-proċedura jew le (biex jevita li jippreżenta eċċezzjonijiet fil-kawża li tkun bdiet kontrieh), tibqa’ fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu. Il-Kap. 387 tal-Liġjijet ta’ Malta ġie maħluq biex jiffaċilita’ l-proċedura ta’ arbitraġġ u mhux li jfixkilha! F’dan is-sens, il-preambolu tal-Att Dwar L-Arbitraġġ (Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta’ Malta) jipprovdi testwalment: ‘Biex jinkoraġixxi u jiffaċilita’ l-arranġjament ta’ tilwim f’Malta permezz ta’ arbitraġġ, biex jistabbilixxi Centru dwar l-Arbitragg ta’ Malta, bħala ċentru għal arbitragg domestiku u arbitraġġ internazzjonali.....’ Fl-umli fehma ta’ l-esponent appellanti, l-interpretazzjoni li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar it-tifsira tas-sub-artikolu (3) tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta lanqas ma taqbel ma’ l-ispirtu u l-għan ewlieni ta’ l-Att Dwar l-Arbitragg u ossija li jinkoraġixxi u jippromwovi l-proċedura ta’ arbitraġġ bħala alternattiva plawsibbli għal kawża tradizzjonali.

Inoltre, kif ġie ferm stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna, sabiex parti titlef id-dritt li titlob l-eżekuzzjoni tal-klawzola arbitrali, dik il-parti trid tkun ħatja ta’ passivita’ prolungata li tindika biċ-ċar li dik il-parti ma kellhiex l-intenzjoni li tirrikorri għal arbitraġġ (Tara jekk joghobha dina l-Onorabbli Qorti deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Superjuri) mogħtija nhar l-10 ta’ Ottubru, 2003 fl-ismijiet Ignatius Gatt vs Franco Faccetti).

Illi fil-kawża fl-ismijiet Calibre Industries Limited v Muscat Motors Limited, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-25 ta’ Frar, 2005 ġie ritenut illi: ‘rinunzja għall-klawsola arbitrali, bħal kull parti tal-ftehim li ritenut ikkonkordaw il-partijiet, trid tkun ċara u inekwivoka.’ Illi fil-każ odjern, l-esponent appellanti invoka l-klawsola arbitrali fid-difiza tiegħu fil-fażi iniżjali tal-kawża li ġiet intavolata fil-konfront tiegħu mis-soċjeta’ attriċi appellata.

Ghal dawn ir-rgunijiet l-appellanti qed jitlob li dina l-Qorti tilqa’ l-imsemmija aggravji tieghu u tirrevoka, tħassar u tannulla l-imsemmija sentenza in parte u dan filwaqt li tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tal- appellanti u b’hekk tordna t-twaqqief tal-proċedimenti.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta’ attriċi appellata.

**Rat** ir-risposta tas-socjeta` appellata Cobra Installations Limited fejn gie sottomess:-

Illi s-socjeta` esponenti intavolat dawn il-proceduri ghall-hlas tas-somma ta’ €9,350.02 bilanc minn somma akbar rappresentanti hlas dovut ghas-servizz u materjal minnha provdut lill-konvenut, fuq inkarigu tieghu stess.

Illi l-konvenut appellant intavola r-risposta tieghu fejn fost affarijiet ohra eccepixxa illi l-Qorti ma hijiex kompetenti biex tisma u tiddeciedi l-kawza odjerna stante li skond il-kundizzjonijiet ta’ l-appalt pattwiti bejn il-kontendenti, l-istess kontendenti ftehmu volontarjament li kwalunkwe tilwima bejniethom naxxenti mill-istess appalt ghandha tigi rizolta permezz ta’ procedura ta’ arbitragg skond ir-Regoli tac-Centru Malti ta’ l-Arbitragg.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti b’sentenza taghha tal-10 ta’ Jannar 2012 cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza w dana stante illi l-konvenut appellant ma ezegwiex il-procedura illi hemm stabbilita fil-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta, senjatament ai termini tal-artikolu 15.

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Illi l-mertu kollu tal-appell odjern huwa jekk ghandux jigi applikat l-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta u cjoe illi l-konvenut appellant, gia la darba kien qieghed jinvoka l-inkompetenza tal-Qorti in vista ta’ klawsola ta’

arbitragg, kellu jintavola rikors fejn jitlob lil dik il-Qorti sabiex twaqqaf il-procedimenti, u dana qabel ma jressaq xi eccezzjonijiet jew jmexxi mod iehor fil-procedimenti.

L-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:-

"Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fi ftehim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista` f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew imhallef taghha, kemm –il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Rikors jista` jsir minkejja li l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet."

Illi kif korrettement gie ritenut mill-Ewwel Onorabbli Qorti, mill-provvediment tal-Ligi johrog car li t-talba ghall-waqfien ta' proceduri istitwiti quddiem Qorti ta' kompetenza civili minhabba l-ezistenza ta' ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet kontendenti ghandha ssir lill-Qorti permezz ta' rikors QABEL ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti.

Illi l-ligi hija cara w inekwivoka fuq dan il-punt u tghid espressament illi jekk konvenut f'kawza quddiem il-Qorti ta' kompetenza civili jixtieq jissoleva l-inkompetenza tal-Qorti minhabba ftehim ta' arbitragg, dan ghandu jippresenta rikors fejn jitlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti. Il-ligi hija cara wkoll illi tali talba ghandha ssir qabel ma dik il-parti tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, li tfisser illi jekk il-konvenut ma juzufruwiex ruhu minn din il-procedura huwa

jkun qieghed jissoggetta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-qorti ta’ kompetenza ordinarja.

Illi tant kien hekk il-hsieb tal-legislatur, illi ai termini tal-artikolu 15(8) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta, huwa haseb biex kwalsiasi termini ghall-prezentata ta’ kull risposta jew twegiba ohra ghandu jigi interrott sakemm ikun hemm decizzjoni tal-qorti fuq il-punt tal-waqfien tal-procedimenti o meno.

“Mal-prezentata ta’ rikors biex jitwaqqfu l-procedimenti skond is-sub-artikolu (3), kull limitu ta’ zmien ghall-prezentat ta’ kull risposta ta’ l-intimat jew twegiba ohra, kemm jekk titnissel mill-ligi jew minn ordni ta’ xi qorti jew tribunal jew xort’ ohra ghandu jigi interrott u ghandu jerga jibda jssehh mid-data li fiha r-rikorrent jigi notifikat bid-decizjoni tal-Qorti li tichad ir-rikors, u dan irrispettivament minn jekk isirx appell minn xi parti dwar din id-decizjoni.”

Illi l-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tieghu jsostni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet “interpretazzjoni zbaljata tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi interpretat d-disposizzjonijiet ta’ l-istess sub-artikolu daqs li kieku kellhom natura tassativa meta l-istess disposizzjonijiet huma purament ta’ natura fakultattiva, u mhux tassativa kif ikkonkludiet l-Ewwel Onorabbli Qorti.”

Illi s-socjeta` esponenti tissottometti bir-rispett illi ma taqbilx mal-argument tal-appellant, u cjoe ghalkemm taqbel illi l-procedura prospettata ai termini tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 hija wahda ta’ natura fakultattiva, hija fakultattiva biss ghal dak illi jirrigwarda jekk il-konvenut jkunx irid jissoleva l-inkompetenza o meno tal-Qorti. In altre parole, hija imhollija purament ghall-ghazla w decizzjoni tal-konvenut jekk iridx jissolleva tali difiza, izda jekk jaghzel illi jissollevha jrid bilfors jottempera ruhu mal-procedura deskritta fl-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi gia la darba l-konvenut appellant ghazel illi jintavola nota tal-eccezzjonijiet, minflok ippresenta rikors ai termini

tal-artikolu 15(3) huwa ssoggetta ruhu ghall-kompetenza tal-Qorti ta' kompetenza civili.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta' appellata tissottometti li l-appell tal-konvenut appellant ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra tieghu u b'hekk tigi konfermata s-sentenza in kwestjoni.

**Rat** li l-ewwel Qorti awtorizzat lill-appellant b' dikriet tal-21 ta' Frar, 2012 biex jappella mis-sentenza in parte in kwestjoni. Tali awtorizzazzjoni nghata a termini tal-proviso tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti quddiem l-ewwel Qorti.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Dan hu appell minn sentenza preliminari tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li nghatat fl-10 ta' Jannar 2012. Din is-sentenza kienet tittratta biss l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut appellant li biha gie sottomess li l-ewwel Qorti mhux kompetenti biex tisma' u tiddeciedi l-kawza u dan in vista ta' dak li gie miftiehem fil-ftehim tal-appalt esistenti bejn il-partijiet. Skond il-konvenut appellant fil-kundizzjonijiet tal-imsemmi appalt gie miftiehem li kwalunkwe tilwima naxxenti mill-appalt ghandha tigi rizolta permezz ta' procedura ta' arbitiragg skond ir-Regoli tac-Centru Malti ta' Arbitragg, u kwindi skond l-artikolu 724(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta dawn il-proceduri ghandhom jitwaqqfu. Konsegwentement il-presenti sentenza hi biss dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari.

Fir-rikors li ppromuova dawn il-proceduri s-socjeta’ talbet li l-konvenut appellant jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ disat elef tlett mija u hamsin euro u zewg centezmi (€9,350.02) bilanc ta’ somma akbar, rapprezentanti hlas dovut ghas-servizz u materjal minnha pprovdut lill-istess appellant fuq inkarigu tieghu stess, bit-talba ghall-imghaxxijiet legali mid-data tal-fattura u bl-ispejjez kollha.

Bl-imsemmija sentenza taghha l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni in kwestjoni  bl-ispejjez kollha relattivi kontra l-istess appellant.

L-aggravji tal-appellant huma tnejn u cioe’ li l-ewwel Qorti applikat skorrettement il-liġi u fit-tieni lok li l-Qorti interpretat żbaljatament l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Jirrizulta sufficjentement li l-partijiet ftehemu li kwalunkwe tilwima jew kontroversja li setgħet tinqala’ bejniethom waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt kellha tigi riżolta permezz ta’ arbitraġġ. Il-klawsola numru tmintax (18) tal-appalt tipprovdi testwalment li: “Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to the contract for the works, or breach, termination or invalidity thereof shall be settled by arbitration in accordance with the rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force,”
Ghalhekk jirrizulta li l-partijiet qabblu li kull tilwima kellha tigi risolta b’arbitragg. F’dan ir-rigward l-appellant jaghmel referenza ghall-principju tal-“pacta sunt servanda” u jargumenta li una volta li l-partijiet ghazlu liema tribunal kellu jiddetermina kwestjonijiet bejnithom, parti wahda, waheda, ma setghetx tghazel li tinjora l-ftehim u ma tirrikorrix ghall-arbitragg. Dejjem skond l-appellant l-imsemmija klawsola tal-appalt kellha dejjem tigi rispettata anke fil-kaz li l-Qrati ordinarji ghandhom ukoll gurisdizzjoni biex jiddeciedu t-tilwima.

Is-sub artikolu (3) tal-artikolu 742 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta), pero’ jipprovdi kif gej – “(3) Il-gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ kompetenza civili mhijiex eskluza mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta’ arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-

proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva."

Ghall-appellant dawn id-disposizzjonijiet huma cari hu jfissru li jekk ikun hemm klawżola arbitrali l-Qorti ghandha tassativament twaqqaf il-proċediment li jkun gia' inbeda quddiemha. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni tal-appellant. L-imsemmija disposizzjonijiet kjarament jiddisponu li l-Qorti ordinarja ghandha dejjem kompetenza li tiddeciedi kwestjonijet relatati ma ftehim li jinkorpora fih klawsola arbitrali. Ghalhekk klawsola arbitrali ma teskludix il-kompetenza tal-qorti ordinarja anke jekk ikun gia nbeda procediment quddiem l-arbitragg. Inoltre l-qorti tista tghati kwalunkwe ordni li jidhrilha xierqa fir-rigward tal-istess arbitragg. Jidher li l-ghan tal-imsemmi artikolu 742(3) hu li tigi enfasizzata r-regola li fi kwalunkwe kaz hi dejjem il-qorti ordinarja li hi fdata bl-interpretazzjoni bit-thaddim ta' klawsola arbitrali. Hawnhekk ir-rwol tal-qorti principalment hu regolatorju pero' ghandha ukoll il-kompetenza li tiddeciedi kwestjoni li jistghu jkunu koperti mill-klawsola arbitrali.

Ghandu jinghad li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghall-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Hu rilevanti li f'dan l-istadju jigi riprodott testwalment dan l-artikolu li jipprovdi - "Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jekk parti fi ftehim ta' arbitragg, jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha tal-parti, tibda xi procedimenti legali f'qorti kontra kull parti ohra fi ftehim ta' arbitragg jew xi persuna li taghmel it-talba permezz jew bis-setgha ta' dik il-parti, dwar kull

haga miftehma li tigi riferita ghall-arbitragg, kull parti f'dawk il-procedimenti legali tista` f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-procedimenti, u dik il-qorti jew imhallef taghha, kemm –il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitragg ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, ghandha tordna li jitwaqqfu l-procedimenti. Rikors jista` jsir minkejja li l-kwistjoni ghandha tigi riferita lill-arbitragg biss wara li jigu ezawriti proceduri ohra ta' rizoluzzjoni ta' kwistjonijiet."

Ghalhekk skond dawn il-provedimenti fil-kaz li parti ghall-ftehim ta' arbitragg, tipprocedi kontra l-parti l-ohra ghall-istess ftehim, quddiem xi qorti, l-parti citata ghandha zmien sakhemm tippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha, biex li l-procediment quddiem il-qorti jitwaqqaf u tali talba trid eventwalment tigi milqughha. Dan ghandu jitqies bhala terminu perentorju stante li jekk l-imsemmija talba ma ssirx qabel l-imsemmi stadju l-process quddiem il-Qorti jibqa ghaddej sakhemm il-kwestjoni tigi deciza b'mod finali.

Ghalhekk il-parti li tkun giet citata ghandha l-fakolta' li taghzel jew li tkompli bil-process quddiem il-Qorti ordinarja jew li titlob li dak il-process quddiem il-Qorti ordinarja jitwaqqaf sabiex il-kwestjoni tigi decciza mill-arbitragg. F'dan il-kaz it-talba sabiex il-procediment quddiem il-Qorti jitwaqqaf trid issir tassattivament entro l-imsemmi terminu. Hawnhekk l-artikolu hu ta' natura tassattiva u cioe' t-talba ghat-twaqqif ghandha ssir b'rikors presentat qabel ma jigu presentati l-eccezzjonijiet. Kwindi jekk tali rikors ma jigix presentat il-procediment quddiem il-qorti ordinarja ghandu jibqa ghaddej.

Sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li applikat dawn il-provedimenti, li wassluha biex tirrigetta l-eccezzjoni in kwestjoni. L-ewwel Qorti, f'dan ir-rigward, ikkonsidrat li talba ghall-waqfien ta' proceduri quddiem qorti minhabba l-ezistenza ta' klawsola arbitrali, ma tistax titressaq quddiem l-istess qorti per via d'eccezione izda, ghandha issir talba specifika b'rikors qabel ma tigi presentata n-nota tal-eccezzjonijiet. L-ewwel Qorti rriteniet, korrtement,

li l-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 jikkomplimenta l-artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet. Kwindi, fi kwalunkwe kaz, it-talba biex l-ewwel Qorti twaaqaf il-procediment quddiemha ma kelliex issir fin-nota tal-eccezzjonijiet izda kellha ssir qabel ma tigi pesentata l-istess nota. F’dan il-kaz it-talba ghat-twaqqif tal-procediment zgur li ma saritx qabel il-presentata tal-eccezzzjonijiet u kwindi l-istess ghandha titqies li ma saritx fit-terminu li trid il-ligi. Kwindi, skond l-ewwel Qorti, t-talba tal-konvenut ghall-waqfien ta’ dawn il-proceduri “hi proceduralment inammissibbli u ghaldaqstant ma tistax tigi milqugha.”

Ghalhekk hu car li l-ligi ddelineat norma preciza ta’ procedura li ghandha dejjem tigi segwita. Din il-Qorti tqis li, hawnhekk, il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti huma, fi kwalunkwe kaz, gusti u ekwi anke tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz.

L-appellant issottometta li artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghal dan il-kaz u inoltre jirritjeni li l-ewwel Qorti interpretat skorrettement l-istess artikolu tal-Kapitolu 387. F’dan ir-rigward l-appellant rti interpretat l-artikolu in kewestjoni b’mod□jissottometti li l-ewwel Q tassattiv meta kellu jigi interpretat b’mod fakoltattiv. Hawnhekk issir referenza ghal dak kollu li ntqal fil-paragrafi precedenti u kwindi l-ewwel aggravju tal-appellant jisthoqq li jigi michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-Ewwel Qorti applikat korrettement il-liġi u inoltre interpretat sewwa l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta’ Malta. Konsegwentement l-appell tal-konvenut appellant Stephen Caruana jimmerita li jigi rigettat.

Ghal dawn ir-ragunijiet:-

Tiddeciedi billi tichad dan l-appell u tikkonferma in toto s-sentenza appellata tal-10 ta’ Jannar 2012. Tordna li dawn l-atti jigu kollha rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tkompli tittratta din il-kawza sabiex l-istess tigi deciza skond il-ligi.

Spejjez ta' dan l-appell jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------